MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 1345/1998/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Irene Medina**

Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fit-3 Lulju, 1998, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta illi thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tnax-il lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm612.96), rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi telefoniku bin-numru 320206 (skond kif jirrizulta mill-anness 'statement' Dok A) liema servizz gie nstallat fil-fond 101, Triq San Albert, Gzira, u dana skond ma kif jidher jidher mill-anness 'service agreement' Dok B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezentata ta' l-Avviz, tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Ottubru, 1997, tat-taxxa fuq id-drittijiet

professjonali u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

Illi, ghall-habta ta’ April, 1993, l-eccipjenti kienet marret fl-ufficcju tas-socjeta’ attrici fi Triq Nofs-in Nhar, Valletta, u kienet infurmat lill-istess socjeta’ li l-istess eccipjenti riedet li l-linja tat-telefon indikata fl-avviz titnehha;

Illi, di fatti, ftit granet wara li l-istess eccipjenti kienet tat l-avviz fuq indikat, hija nnutat li l-imsemmija linja tat-telefon ma kinitx ghadha tahdem;

Illi hija disposta li thallas lis-socjeta’ attrici dak l-ammont ta’ flus minnha dovut ghas-servizz moghti lilha mis-socjeta’ attrici sa dakinhar li hija tat lill-istess socjeta’ attrici l-avviz ghall-qtugh tal-linja tat-telefon in kwistjoni, imma ssosstni li m’ghandhiex tinzamm responsabbli ghall-hlas ta’ l-uzu ta’ l-istess linja li seta’ sar wara x-xahar ta’ April, 1993, fuq indikat;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza s-socjeta’ attrici qeda titlob il-hlas ta’ sitt mija u tnax-il lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm612.96) minghand il-konvenuta, bhala r-*registered consumer*, tas-servizz tat-telefon bin-numru 320206 illi kien installat fil-fond 101, Triq San Albert, Gzira, wara ftehim maghmul mas-socjeta’ attrici fl-24 ta’ Lulju, 1992, (Fol. 3).

Il-konvenuta qed teccepixxi illi hija ma ghamlitx dawn il-kontijiet peress illi f’April, 1993, kienet tablet li l-linja tinqata’ kif fil-fatt gara.

Irrizulta mill-provi illi l-konvenuta kienet ikkuntrattat mas-socjeta' attrici sabiex din ta' l-ahhar tipprovdi servizz tat-telefon fil-fond 101, Triq Saint Albert, Gzira, fejn kienet toqghod ma Julian Galea. Is-servizz gie pprovdut u jidher illi sar uzu minnu ghal dawk illi huma sejhiet sa' l-1997. Is-socjeta' attrici mbaghad talbet biss il-hlasijiet ghall-kera sa' l-1998.

Il-konvenuta xehdet illi kienet marret tilmenta dwar kont illi dehrilha li kien esagerat. Wara li ffirmat l-awtorizazzjoni ghall-qtugh tal-linja, l-iskrivan kien qalla biex tkellem lill-Head Office dwar il-kont pendenti illi kellha, izda ma marritx. Skond il-konvenuta dak iz-zmien il-kont kien ilahhaq mall-mitejn lira Maltin (Lm200).

Jidher illi bejn il-konvenuta u Julian Galea kien hemm xi disgwid peress illi hija harget minn dan il-fond u marret toqghod Haz Zabbar. Jidher pero' illi ma ghamlet l-ebda kuntatti ohra mal-Maltacom, peress illi l-kontijiet tat-telefon baqghu hergin.

Kif gia nghad, minkejja li l-konvenuta ordna il-qtugh tal-linja, dina baqghet vigenti almenu sa' l-1998.

Julian Galea xehed illi l-konvenuta telqet mill-fond f'Marzu tas-sena 2000, pero l-linja kienet maqtughha ghal xi sentejn qabel dik id-data. Dana jabel mad-dati illi hemm fir-rendikont. L-ahhar entry ggib id-data ta' Novembru, 1998, fejn allura giet irtirata kompletament il-linja. Dan ifisser, kwindi, illi s-sejhiet illi jidhru fl-*itemised bill* Fol. 30 u Fol. 51 kollha saru fi zmien meta l-konvenuta kienet toqghod fil-fond 101, Triq Saint Albert, Gzira.

Meta harget minn hemmhekk halliet kollox f'idejn Julian Galea u ghalhekk ma kinitx f'posizzjoni tghid x'kien qed jigri minn dak is-servizz sakemm dan il-fond baqa' okkupat minn Galea.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti jidhrilha li s-socjeta' attrici ssodisfat il-kaz taghha fis-sens illi dawn is-sejhiet kollha saru fiz-zmien illi l-konvenuta u Julian Galea kienu jokkupaw il-fond imsemmi 101, Triq Saint Albert, Gzira.  Is-servizz kien irregistrat f'isem il-konvenuta u bhala *registered consumer* hija kienet responsabbli ghal dawn is-sejhiet.

Jista' jaghti l-kaz li l-konvenuta telqet minn dan il-fond izda mhuwiex car jekk il-linja kinitx gia maqtugha jew le.  Fi kwalunkwe kaz, hija ma tistax tghid x'gara wara li harget, aktar u aktar jekk Julian Galea baqax juza dan is-servizz jew le.

F'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell sede nferjuri, fis-16 ta' Ottubru, 1992, fl-ismijiet Telemalta Corporataion vs Carmela Felice Et, il-Qorti kienet qalet illi ma kienx possibbli li toqghod fuq xhieda li haddiehor ma uzax is-servizz meta min kien qieghed jixhed ma kienx joqghod hemmhekk.  Dana x'aktarx illi gara f'dan il-kaz.  Filwaqt illi l-perjodu li l-konvenuta ghamlet toqghod fil-fond 101, Triq San Albert, Gzira, jkopri r-rendikont li gie esebit mis-socjeta' attrici jista' jaghti kaz ukoll illi saru xi telefonati wara li l-konvenuta harget mill-fond, f'liema kaz allura dejjem tibqa' responsabbli hija bhal r-*registered consumer* mas-socjeta' attrici.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha li s-socjeta' attrici lahqet dik il-grad ta' prova necessarja ghas-success ta' l-istanza taghha u t-talba timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna konvenuta illi thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tnax-il lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm612.96), rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi telefoniku bin-numru 320206 liema servizz gie nstallat fil-fond 101, Triq San Albert, Gzira, u dana skond ma kif jidher mis-'service agreement' anness ma' l-Avviz.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenuta.

Anthony Zammit
Deputat Registratur